# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024

**Rikors Nru.: 764/21 MH**

**Numru :1**

**Lorraine Falzon, Matthew Pace u Zenith Finance Limited (C-42720)**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Lorraine Falzon et tat-18 ta' Marzu 2024**[1] permezz ta' liema talbu lill-Qorti sabiex tirrikonsidra d-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2023 li fih, għar-raġunijiet hemm imsemmija kienet ordnat l-isfilz tad-dokumenti mmarkati minn LF1 sa LF6 esebiti a fol 588 et seq.

[1] Fol 865 et seq

Rat **ir-risposta tal-Avukat tal-Istat et tal-24 t'April 2024**[2] permezz ta' liema opponew għal din it-talba għar-raġunijiet hemm imsemmija.

Semgħet it-trattazzjonijiet fir-rigward.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għad-digriet dwar din il-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li għandha tindirizza l-argument tal-intimati li l-liġi ma tippermettix il-kontestazzjoni ta' tali digriet f'dan l-istadju, iżda biss wara li tkun inqatgħet il-kawża u sar appell minnha. Dan kif jirriżulta wkoll mill-artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti pero' tirrileva li hawn ninsabu fil-kamp kostituzzjonali. Filwaqt li r-regoli tal-proċedura japplikaw għall-kawżi kollha, anke sabiex ikun hemm uniformita' fit-tmexxija tal-kawżi, f'kawżi marbuta mad-drittijiet fundamentali l-Qrati

[2] Fol 869 et

għandhom diskrezzjoni aktar wiesgħa li ma jkunux riġidi żżejjed fl-applikazzjoni tal-proċedura a tali punt li jinħonoq id-dritt fundamentali nnifsu ta' smiegħ xieraq għal xi parti. Il-każ ċitat mill-istess intimati in sostenn tal-argument tagħhom kien wieħed li qed jinstema quddiem Qorti Ċivili fil-vesti ordinarja tagħha u għalhekk għar-raġunijiet ġja msemmija m'hemmx analoġija mal-każ kostituzzjonali odjern.

Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti tqis li għandha tikkonsidra din it-talba tar-rikorrenti fir-rikors tat-18 ta' Marzu 2024.

Il-Qorti terġa' tissottolinea li t-talbiet li jitressqu quddiemha jridu jkunu rilevanti u neċessarji għall-fini tal-vertenza odjerna. Il-bażi tal-azzjoni hija *ne bis in idem* u allura dak li jeħtiġilhom jippruvaw ir-rikorrenti huwa li huma ġew mixlija bl-istess reat li minnu diġà għaddew proċeduri penali (jew proċeduri li jistgħu jitqiesu fin-natura tagħhom bħala tali), kemm jekk instabu ħatja u kemm jekk inħelsu, u li jkunu ntemmu b'sentenza li llum hija *res judicata*.

Wara li reġgħet evalwat iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ il-Qorti ssib li hemm lok li jiġi varjat id-digriet tat-3 ta' Novembru 2023 permezz ta' liema kien ġie ordnat l-isfilz tad-dokumenti minn LF 1 sa LF 6, liema dokumenti f'dak l-istadju ġew meqjusin li mhumhiex rilevanti għall-fini tal-kawża.

Ir-raġuni għal tali varjazzjoni hija sabiex il-Qorti jkollha l-istampa aktar sħiħa u ampja ta' dak li wassal għad-deċiżjoni tal-FIAU tat-18 ta' Mejju 2018. Dok LF 1 sa LF 6 jirreferu għal korrispondenza skambjata bejn l-FIAU u r-rikorrenti u kwindi hija dokumentazzjoni li hija diġa' magħrufa bejn il-partijiet. Għalhekk mhu se toħloq ebda preġudizzju għal xi parti jew oħra.

Tqies ukoll li għalkemm hija konxxa mill-projbizzjonijiet fil-liġi kontra svelar ta' informazzjoni u investigazzjonijiet marbuta mall-Korp, kif ġia elokwentement elenkati mill-intimati f'risposti preċedenti, u rikorsi biex jiġu eżentati milli jixhdu, hija l-fehma soda tagħha li tali projbizzjoni kienet u hija maħsuba biex ma jiġi b'ebda mod rintralċjat xi investigazzjoni jew proċeduri li jkunu għadejjin. Pero miżmum dan, hija ukoll il-fehma tal-Qorti illi żgur li ma kienetx l-intenzjoni tal-leġislatur illi jippriva lil min qed ifittex rikors u rimedju għal allegat ksur tad-drittijeit funadamentali tiegħu, li ma jiġix b'ebda mod, u żgur mhux b'att leġislattiv jew deċiżjoni mogħtija minn **din** il-Qorti, impedut milli jressaq kull prova neċessarja biex jissostanzja l-lanjanza tiegħu. Kieku kien hekk dan kien jqiegħed lil Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali/Konvenzjonali f'posizzjoni ferm u ferm kontradittorja. Tagħraf pero l-Qorti li għal dan jista' jkun hemm eċċeżżjonijiet li jolqtu sigurta' ta' l-Istat li pero' morru oltre' dak li qed jiġi hawn diskuss u ndagat.

Tqies ukoll u marbuta ma dak appena espost, li dak prospettat fl-artikolu 34 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta[3] huwa il-kxif u svelar ta' dokumenti u informazzjoni ottenuti mill-membri tal-Korp fil-kors tal-għaqdi ta' dmirijiethom u funzjonijiet tagħhom. Kxif li jidher li kif impostata l-liġi huwa wieħed volontarju. L-informazzjoni hawn mitluba ma taqax f'dana l-ambitu imma hija nformazzjoni li hija mitluba **b'ordni ta' Qorti** ta' kompetenza intiża biex tħares ksur Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

Jiġi nnutat ukoll li fl-ittra tat-18 ta' Mejju 2018 permezz ta' liema r-rikorrenti ġew infurmati bid-deċiżjoni tal-FIAU li timponi fuqhom il-multa amministrattiva, l-istess FIAU għamlet referenza għal tali korrispondenza skambjata bejniethom u

[3] "**L-artikolu 34 tal-Kap 373** jipprovdi hekk -

*(1) Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, għandhom jittrattaw kull informazzjoni u dokument li huma jiksbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att bħala kunfidenzjali, u ma għandhom jikxfu ebda informazzjoni jew dokument li jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet tal-Korp jew ta' xi persuna, li huma jkunu kisbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:*

*(a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;*

*(b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;*

*(ċ) quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi proċedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, jew fi proċedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan l-Att; u*

*(d) fil-forma ta' ġabra ta' data jew informazzjoni statistika oħra, li fl-opinjoni tal-Korp ma twassalx għall-identifikazzjoni ta' xi persuna speċifika u li ma tippreġudikaebda analisi jew investigazzjoni."*

kwindi huwa mportanti għall-Qorti f'dan l-istadju li jkollha aċċess għalihom ukoll flimkien mal-partijiet.

Detto cio' u sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet kollha tal-partijiet, u/jew kwalunkwe xhud mitlub, il-Qorti ser tordna li d-dokumenti mmarkati minn Dok LF 1 sa LF 11 a fol 586 et seq għandhom jiġu ssiġillati u jkunu aċċessibbli biss għaliha, ukoll għall-partijiet u għad-difensuri tagħhom, dejjem bil-premess tal-Qorti.

Ladarba ser jiġi varjat id-digriet tat-3 ta' Novembru 2023 b'rabta mad-dokumenti LF1 sa LF 6 allura se jiġi varjat ukoll id-digriet l-ieħor tat-3 ta' Novembru 2023 rigwardanti x-xhieda ta' Kenneth Farrugia. B'żieda mad-dokumenti li dwarhom issa jista' jixhed l-istess Farrugia, fil-limiti ta' dak deċiż fid-digriet imsemmi, issa ser jiżdiedu wkoll is-segwenti dokumenti elenkati fit-taħrika ta' xhud tat-8 t'April 2022[4] bħala (iii)[5], (iv)[6], (v)[7], (vi)[8], (vii)[9] u (viii)[10]. Tordna wkoll li kull xhieda hekk relattata tingħata fil-magħluq.

[4] Fol 32 et seq
[5] Dok LF1 – ittra mibgħuta mill-FIAU lir-rikorrenti datata 19 t'April 2016 iffirmata minn Manfred Galdes
[6] Dok LF2 – Risposta ffirmata minn Lorraine Falzon datata 26 t'April 2016
[7] Dok LF3 – Skambju ta' emails bejn Ruth Gauci u Lorraine Falzon
[8] Dok LF4 – Ittra lill-FIAU datata 12 ta' Diċembru 2016 iffirmata minn Lorraine Falzon
[9] Dok LF5 – Ittra mill-FIAU datata 7 ta' Diċembru 2017
[10] Dok LF6 – Ittra lill-FIAU datata 5 ta' Jannar 2018

Għall-istess raġunijiet ser tiġi varjata d-deċiżjoni numru 2 fit-tielet digriet tat-3 ta’ Novembru 2023[11] b’dana li d-dokumenti appena msemmija fit-taħrika tat-8 t’April 2022 għandhom ikunu nklużi ma’ dawk li dwarhom ir-rappreżentat tal-FIAU jittella jixhed sabiex jikkonferma l-awtentiċita’/veraċita’ tagħhom. Dan ukoll taħt dawk il-kundizzjonijiet ġia msemmija.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa’ r-rikors tar-rikorrenti tat-18 ta’ Marzu 2024 u kwindi tvarja d-digriet tagħha tat-3 ta’ Novembru 2023[12] b’dana li tirrevoka l-ordni tagħha għall-isfilz tad-dokumenti LF 1 sa LF 6 li jinsabu a fol 588 et seq u tordna minflok li dawn għandhom jibqgħu fl-atti tal-kawża filwaqt li tikkonferma l-bqija tal-istess digriet;**

**2. Tordna li n-Nota bid-dokumenti mmarkati minn LF 1 sa Dok LF 11 u li jinsabu a fol 586 et seq għandhom jiġu ssiġillati u jkunu aċċessibbli biss għall-Qorti, għall-partijiet u għad-difensuri tagħhom. Dan sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-partijiet kollha nvoluti;**

---

[11] Digriet dwar ir-rikorsi tal-20 ta’ Lulju 2023
[12] Fol 856 et seq

**3. Tvarja d-digriet l-ieħor tat-3 ta' Novembru 2023[13] b'dana li b'żieda mad-dokumenti li dwarhom jista' jixhed Kenneth Farrugia, fil-limiti ta' dak deċiż fid-digriet imsemmi, issa ser jiżdiedu wkoll is-segwenti dokumenti elenkati fit-taħrika ta' xhud tat-8 t'April 2022[14] bħala (iii), (iv), (v), (vi), (vii) u (viii) filwaqt li l-bqija tad-digriet ser jiġi kkonfermat;**

**4. Tvarja wkoll it-tielet digriet tat-3 ta' Novembru 2023[15], senjatament id-deċiżjoni enumerata 2 b'dana li d-dokumenti appena msemmija fit-taħrika tat-8 t'April 2022 għandhom ikunu nklużi ma' dawk li dwarhom ir-rappreżentat tal-FIAU jittella jixhed sabiex jikkonferma l-awtentiċita'/veraċita' tagħhom filwaqt li l-bqija tal-istess digriet ser jiġi kkonfermat.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**

[13] Fol 851 et seq
[14] Fol 32 et seq
[15] Fol 858 et seq